REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/834

tat-18 ta' April 2023

dwar miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq għas-setturi tal-bajd u tal-laħam tat-tjur fl-Italja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 220(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) tiegħu,

Billi:

(1) Bejn it-23 ta' Ottubru 2021 u l-31 ta' Diċembru 2021, l-Italja kkonfermat u bagħtet tinnotifika li kien hemm 294 tifqigħa tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5. L-ispeċijiet affettwati huma t-tiġieġ *Gallus domesticus*, it-tiġieġ tal-bajd, id-dundjani, il-papri u l-farawni.

(2) L-Italja minnufih, u b'mod effiċjenti, ħadet il-miżuri veterinarji u tas-saħħa tal-annimali kollha meħtieġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), issupplimentat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 ([3]).

(3) B'mod partikolari, l-Italja wettq il-miżuri ta' kontroll, ta' monitoraġġ u ta' prevenzjoni u stabbiliet żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza ("iż-żoni rregolati") skont id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1872 ([4]), (UE) 2021/1908 ([5]), (UE) 2021/1982 ([6]), (UE) 2021/2100 ([7]), (UE) 2021/2186 ([8]) u (UE) 2021/2310 ([9]).

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1872 tal-25 ta' Ottubru 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 dwar miżuri ta' emerġenza marbuta ma' tifqigħat tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'ċerti Stati Membri (ĠU L 379, 26.10.2021, p. 53).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1908 tat-3 ta' Novembru 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 li tikkonċerna miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 390, 4.11.2021, p. 39).

([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1982 tat-12 ta' Novembru 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 403, 15.11.2021, p. 1).

([7]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2100 tad-29 ta' Novembru 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 428, 30.11.2021, p. 3).

([8]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2186 tad-9 ta' Diċembru 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 444, 10.12.2021, p. 110).

([9]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2310 tal-21 ta' Diċembru 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 461 I, 27.12.2021, p. 1)

(4) L-Italja għarrfet lill-Kummissjoni li l-miżuri marbutin mas-saħħa tal-annimali u dawk veterinarji meħtieġa li kienu ġew applikati biex jitrażżan u jitwaqqaf għalkollox it-tixrid tal-marda kienu laqtu għadd kbir ħafna ta' operaturi u li dawk l-operaturi kienu ġarrbu telf ta' introjtu li ma kienx eliġibbli għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]).

(5) Fit-2 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni rċeviet talba formali mingħand l-Italja għall-finanzjament parzjali ta' ċerti miżuri eċċezzjonali skont l-Artikolu 220(3) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għat-tifqigħat ikkonfermati fil-perjodu ta' bejn it-23 ta' Ottubru 2021 u l-31 ta' Diċembru 2021. Fl-14 ta' Settembru 2022, fis-27 ta' Frar 2023, u fl-14 ta' Marzu 2023, l-awtoritajiet Taljani ċċaraw it-talba tagħhom u baġtu d-dokumenti marbutin magħha.

(6) Minħabba l-miżuri marbutin mas-saħħa tal-annimali u l-miżuri veterinarji msemmijin fil-premessa 3, ittawwlu l-perjodi ta' mistrieħ sanitarju, ġiet ipprojbita l-introduzzjoni tat-tjur u ġew ristretti l-movimenti tat-tipi kollha ta' pollam fl-azjendi fiż-żoni rregolati. Dan wassal għal telf fil-produzzjoni tal-bajd għat-tifqis, tal-bajd għall-konsum, tal-annimali ħajjin u tal-laħam tal-pollam f'dawn l-azjendi, iżda wkoll għat-telf minħabba l-bajd u l-laħam meqrudin jew diklassifikati.

(7) F'konformità mal-Artikolu 220(5) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-finanzjament parzjali mill-Unjoni jrid ikun ekwivalenti għal 50 % tan-nefqa mġarrba mill-Italja għall-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffissa l-kwantitajiet massimi eliġibbli għall-finanzjament għal kull miżura eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq wara li tiskrutinizza t-talba li rċeviet mingħand l-Italja b'rabta mat-tifqigħat ikkonfermati bejn it-23 ta' Ottubru 2021 u l-31 ta' Diċembru 2021.

(8) Jenħtieġ li l-ammont tal-finanzjament parzjali b'rata fissa jkun ibbażat fuq studji tekniċi u ekonomiċi jew fuq dokumenti tal-kontabbiltà u li dan jiġi ffissat fil-livell ix-xieraq għal kull annimal u għal kull prodott skont il-kategorija tagħhom, biex jiġi evitat kull riskju ta' kumpens żejjed.

(9) Sabiex jiġi evitat kull riskju ta' finanzjament doppju, jenħtieġ li t-telf li ġġarrab ma jkunx ġie kkumpensat b'għajnuna mill-Istat jew b'assigurazzjoni u jenħtieġ li l-finanzjament parzjali mill-Unjoni skont dan ir-Regolament ikun limitat għall-annimali u għall-prodotti eliġibbli li għalihom ma tkun ingħatat l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/690.

(10) Jenħtieġ li l-livell u t-tul ta' żmien tal-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq previsti f'dan ir-Regolament ikunu limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ biex jiġi appoġġat is-suq. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq japplikaw biss għall-produzzjoni tal-bajd u tal-pollam fl-azjendi li jinsabu fiż-żoni rregolati u għat-tul ta' żmien li matulu kienu fis-seħħ il-miżuri marbutin mas-saħħa tal-annimali u l-miżuri veterinarji stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u fil-leġiżlazzjoni tal-Italja rilevanti għall-294 tifqigħa tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja kkonfermati fil-perjodu ta' bejn it-23 ta' Ottubru 2021 u l-31 ta' Diċembru 2021.

(11) Il-kumpens jista' jiġi aġġustat b'ċerti limiti, dejjem jekk jitħares l-ammont massimu tan-nefqa ffinanzjata b'mod parzjali mill-Unjoni, biex tkun żgurata l-flessibbiltà f'każ li l-għadd ta' bajd jew ta' annimali eliġibbli għall-kumpens ikun ivarja mill-ammonti massimi stabbiliti f'dan ir-Regolament, li huma bbażati fuq stimi.

(12) Għal raġunijiet ta' ġestjoni tajba tal-baġit ta' dawn il-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq, jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-finanzjament parzjali mill-Unjoni biss dawk il-pagamenti li l-Italja tagħmel lill-benefiċjarji sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2023. Jenħtieġ li ma jkunx japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 ([11]), li mill-1 ta' Jannar 2023 ġie sostitwit bl-Artikolu 5(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 ([12]).

([10]) Ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014, u (UE) Nru 652/2014 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1).

([11]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 18).

([12]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħrajn, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 95).

(13) Sabiex jiġu żgurati l-eliġibbiltà u l-korrettezza tal-pagamenti, jenħtieġ li l-Italja twettaq il-verifiki *ex ante*.

(14) Jenħtieġ li l-Italja tgħarraf lill-Kummissjoni bl-approvazzjoni tal-pagamenti sabiex l-Unjoni tkun tista' twettaq il-kontroll finanzjarju tagħha.

(15) Sabiex ikun żgurat li l-Italja timplimenta l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament minnufih, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Unjoni għandha tipprovdi finanzjament parzjali li jkun ekwivalenti għal 50 % tan-nefqa li ġarrbet l-Italja biex tappoġġa s-suq tal-bajd u tal-laħam tat-tjur li ntlaqat ħażin ħafna mill-294 tifqigħa tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5 li sabet l-Italja u li bagħtet in-notifiki dwarhom fil-perjodu ta' bejn it-23 ta' Ottubru 2021 u l-31 ta' Diċembru 2021.

Artikolu 2

1. In-nefqa li ġarrbet l-Italja għandha tkun eliġibbli għall-finanzjament parzjali mill-Unjoni biss:

(a) għall-perjodu li matulu kienu applikati l-miżuri marbutin mas-saħħa tal-annimali u l-miżuri veterinarji msemmijin fl-atti leġiżlattivi tal-Unjoni mniżżlin fl-Anness u marbutin mal-perjodu stabbilit fl-Artikolu 1; u

(b) għal dawk l-azjendi tal-pollam li jkunu ġew suġġetti għall-miżuri marbutin mas-saħħa tal-annimali u għall-miżuri veterinarji u li jinsabu fiż-żoni msemmijin fl-atti leġiżlattivi tal-Unjoni mniżżlin fl-Anness ("iż-żoni rregolati"); kif ukoll

(c) jekk l-Italja tkun ħallsitha lill-benefiċjarji sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2023; u

(d) jekk, għall-perjodu msemmi fil-punt (a), l-annimal jew il-prodott ma jkunx ibbenefika minn ebda kumpens permezz tal-għajnuna mill-Istat jew tal-assigurazzjoni u għalih ma tkun ingħatat l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/690.

2. L-ebda nefqa li tħallas l-Italja wara t-30 ta' Settembru 2023 ma għandha tkun eliġibbli għal finanzjament mill-Unjoni, irrispettivament mis-sehem tan-nefqa li tirrappreżenta.

Artikolu 3

1. L-ammont massimu tal-finanzjament parzjali mill-Unjoni għandu jkun ta' EUR 27 229 572, imqassam kif ġej:

(a) għat-telf fil-produzzjoni tal-bajd għat-tifqis u tal-bajd tal-ikel fiż-żoni rregolati għandhom japplikaw ir-rati fissi li ġejjin:

(i) EUR 0,133 għal kull bajda għat-tifqis tat-tiġieġ tal-bajd li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0407 11 00 li tkun inqerdet, sa għadd massimu ta' 338 972 bajda;

(ii) EUR 0,525 għal kull bajda għat-tifqis tad-dundjan li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0407 19 11 li tkun inqerdet, sa għadd massimu ta' 560 652 bajda;

(iii) EUR 0,108 għal kull bajda għat-tifqis tat-tiġieġ tal-bajd li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0407 11 00 li tkun ġiet ipproċessata fi prodott tal-bajd, sa għadd massimu ta' 3 998 046 bajda;

(iv) EUR 0,022 għal kull bajda tat-tiġieġ imrobbi fil-gaġeġ li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0407 21 00 li tkun ġiet ipproċessata fi prodott tal-bajd, sa għadd massimu ta' 9 401 020 bajda;

(v) EUR 0,030 għal kull bajda tat-tiġieġ imrobbi fil-maqjel li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0407 21 00 li tkun ġiet ipproċessata fi prodott tal-bajd, sa għadd massimu ta' 3 233 520 bajda;

(vi) EUR 0,038 għal kull bajda tat-tiġieġ imrobbi barra li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0407 21 00 li tkun ġiet ipproċessata fi prodott tal-bajd, sa għadd massimu ta' 248 940 bajda;

(vii) EUR 0,032 għal kull bajda tat-tiġieġ imrobbi b'mod organiku li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0407 21 00 li tkun ġiet ipproċessata fi prodott tal-bajd, sa għadd massimu ta' 2 139 060 bajda;

(b) għat-telf marbut mal-perjodi ta' mistrieħ sanitarju mtawla fiż-żoni rregolati, għandhom japplikaw ir-rati fissi li ġejjin:

(i) EUR 0,038 fil-ġimgħa għal kull għattuqa mrobbija fil-gaġġa li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 11 11, sa għadd massimu ta' 1 417 836 annimal;

(ii) EUR 0,068 fil-ġimgħa għal kull tiġieġa tal-bajd imrobbija fil-gaġġa li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, sa għadd massimu ta'3 445 316 annimal;

(iii) EUR 0,089 fil-ġimgħa għal kull tiġieġa tal-bajd imrobbija fil-maqjel li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, sa għadd massimu ta'4 228 925 annimal;

(iv) EUR 0,051 fil-ġimgħa għal kull tiġieġa tas-simna li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, sa għadd massimu ta' 36 690 461 annimal;

(v) EUR 0,884 fil-ġimgħa għal kull fellus tat-tiġieġ tas-simna li jidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, sa għadd massimu ta' 144 500 annimal;

(vi) EUR 0,087 fil-ġimgħa għal kull ħasi li jidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, sa għadd massimu ta' 104 124 annimal;

(vii) EUR 0,136 fil-ġimgħa għal kull tiġieġa tas-simna mrobbija b'mod organiku li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, sa għadd massimu ta' 210 184 annimal;

(viii) EUR 0,153 fil-ġimgħa għal kull tiġieġa Golden li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, sa għadd massimu ta' 34 944 annimal;

(ix) EUR 0,123 fil-ġimgħa għal kull dundjana li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 30, sa għadd massimu ta' 5 065 698 annimal;

(x) EUR 0,204 fil-ġimgħa għal kull dundjan li jidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 30, sa għadd massimu ta' 3 228 342 annimal;

(xi) EUR 0,164 fil-ġimgħa għal kull dundjan/dundjana mrobbi(ja) flimkien ma' dundjani tal-ġeneru l-ieħor li jidħol/tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 30, sa għadd massimu ta' 171 362 annimal;

(xii) EUR 0,300 fil-ġimgħa għal kull dundjan imrobbi b'mod organiku li jidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 30, sa għadd massimu ta' 47 780 annimal;

(xiii) EUR 0,205 fil-ġimgħa għal kull papra li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 10, sa għadd massimu ta' 383 592 annimal;

(xiv) EUR 0,089 fil-ġimgħa għal kull farawn li jidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 50, sa għadd massimu ta' 901 456 annimal;

(c) għat-telf marbut mat-tqassir taċ-ċiklu tal-produzzjoni (tbiċċir bikri tal-annimali) fiż-żoni rregolati, għandhom japplikaw ir-rati fissi li ġejjin:

(i) EUR 0,540 fil-ġimgħa għal kull tiġieġa tal-bajd tat-tnissil li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, sa għadd massimu ta' 95 009 annimal;

(ii) EUR 0,162 fil-ġimgħa għal kull tiġieġa tat-tnissil li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, sa għadd massimu ta' 373 747 annimal;

(iii) EUR 1,007 fil-ġimgħa għal kull dundjan tat-tnissil li jidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 30, sa għadd massimu ta' 40 255 annimal;

(iv) EUR 0,123 fil-ġimgħa għal kull tiġieġa tas-simna li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, diklassifikata, sa għadd massimu ta' 4 214 895 annimal;

(v) EUR 0,183 fil-ġimgħa għal kull dundjana li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 30, diklassifikata, sa għadd massimu ta' 203 545 annimal;

(vi) EUR 0,306 fil-ġimgħa għal kull dundjan li jidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 30, diklassifikat, sa għadd massimu ta' 638 293 annimal.

(d) għat-telf marbut mal-perjodi mtawla tat-trobbija u tas-simna fiż-żoni rregolati, għandhom japplikaw ir-rati fissi li ġejjin:

(i) EUR 0,13 fil-ġimgħa għal kull għattuqa standard li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 11 11, sa għadd massimu ta' 584 829 annimal;

(ii) EUR 0,15 fil-ġimgħa għal kull għattuqa mrobbija barra li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, sa għadd massimu ta' 31 000 annimal;

(iii) EUR 0,143 fil-ġimgħa għal kull tiġieġa tas-simna li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, sa għadd massimu ta' 550 454 annimal;

(iv) EUR 0,143 għal kull tiġieġa tal-azjendi rurali li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, sa għadd massimu ta' 4 750 annimal;

(v) EUR 0,102 fil-ġimgħa għal kull ħasi li jidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, sa għadd massimu ta' 143 066 annimal.

(vi) EUR 0,178 fil-ġimgħa għal kull tiġieġa Golden li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, sa għadd massimu ta' 13 500 annimal;

(vii) EUR 0,318 fil-ġimgħa għal kull tiġieġa tas-simna mrobbija b'mod organiku li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, sa għadd massimu ta' 95 942 annimal;

(viii) EUR 0,331 fil-ġimgħa għal kull dundjana li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 30, sa għadd massimu ta' 161 489 annimal;

(ix) EUR 0,528 fil-ġimgħa għal kull dundjan li jidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 30, sa ammont massimu ta' 282 596 annimal;

(x) EUR 0,497 fil-ġimgħa għal kull dundjana mrobbija b'mod organiku li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 30, sa għadd massimu ta' 10 307 annimal;

(xi) EUR 0,103 fil-ġimgħa għal kull farawn li jidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 50, sa għadd massimu ta' 16 550 annimal;

(e) għandhom japplikaw ir-rati fissi li ġejjin għal kull annimal, biex jagħmel tajjeb għall-qtil ta' pollam fiż-żoni rregolati:

(i) EUR 0,367 għal kull fellus tar-razez tat-tiġieġ tal-bajd li jidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, sa għadd massimu ta' 241 430 annimal;

(ii) EUR 0,228 għal kull fellus tar-razez tat-tiġieġ tas-simna li jidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, sa għadd massimu ta' 6 099 470 annimal;

(iii) EUR 0,344 għal kull fellus ta' tiġieġ tal-azjendi rurali li jidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, sa għadd massimu ta' 79 250 annimal;

(iv) EUR 0,550 għal kull fellusa tad-dundjan li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 30, sa għadd massimu ta' 982 552 annimal;

(v) EUR 1,00 għal kull fellus tad-dundjan li jidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 30, sa għadd massimu ta' 881 265 annimal;

(f) biex jagħmel tajjeb għall-prezz tal-bejgħ imnaqqas għall-annimali fiż-żoni rregolati, għandhom japplikaw ir-rati li ġejjin:

(i) EUR 0,076 għal kull fellusa tat-tiġieġ tal-bajd li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 11 11, diklassifikata, sa għadd massimu ta' 82 900 annimal;

(ii) EUR 0,50 għal kull tiġieġa ħamra tal-bajd li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, diklassifikata, sa għadd massimu ta' 350 annimal;

(iii) EUR 0,035 għal kull kilogramma (piż ħaj) ta' tiġieġ tas-simna li jidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, diklassifikata, sa għadd massimu ta' 292 880 annimal;

(iv) EUR 2,50 għal kull ħasi li jidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, sa għadd massimu ta' 300 annimal.

(v) EUR 1,25 għal kull kilogramma ta' laħam tat-tiġieġ tas-simna li jidħol fil-kodiċi NM 0105 94 00, mibjugħ iffriżat minflok frisk, sa massimu ta' 3 000 kilogramma.

2. Meta l-għadd ta' bajd jew annimali jew l-ammont ta' laħam eliġibbli għall-kumpens ikun jaqbeż l-għadd massimu ta' bajd jew ta' annimali jew ta' kilogrammi għal kull oġġett stabbilit fil-paragrafu 1, in-nefqa eliġibbli għall-finanzjament parzjali mill-Unjoni tista' tiġi aġġustata għal kull oġġett u taqbeż l-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-għadd massimu ta' unitajiet ta' kull oġġett, dejjem jekk l-għadd totali tal-aġġustamenti ma jkunx jaqbeż l-10 % tal-ammont massimu tan-nefqa ffinanzjata b'mod parzjali mill-Unjoni li huwa msemmi fil-paragrafu 1.

Artikolu 4

L-Italja għandha twettaq verifiki amministrattivi u fiżiċi f'konformità mal-Artikoli 59 u 60 tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]).

B'mod partikolari, l-Italja għandha tivverifika:

(a) l-eliġibbiltà tal-applikant li jkun bagħat it-talba għall-appoġġ;

(b) għal kull applikant eliġibbli: l-eliġibbiltà, il-kwantità u l-valur tat-telf reali ta' produzzjoni;

(c) li kull applikant eliġibbli ma jkunx irċieva finanzjament minn sorsi oħrajn bħala kumpens għat-telf imsemmi fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.

Għall-applikanti eliġibbli li jkunu sarulhom il-verifiki amministrattivi, l-għajnuna tista' tingħata mingħajr ma wieħed joqgħod jistenna li jsiru l-verifiki kollha, b'mod partikolari dawk fuq l-applikanti li jkunu ntgħażlu għall-verifiki fuq il-post.

F'każijiet meta l-eliġibbiltà ta' applikant ma tkunx ġiet ikkonfermata, l-għajnuna għandha tiġi rkuprata u għandhom jiġu applikati sanzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 59(1) tar-Regolament (UE) 2021/2116.

Artikolu 5

L-Italja għandha tgħarraf lill-Kummissjoni bl-approvazzjoni tal-pagamenti.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' April 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([13]) Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187).

ANNESS

Lista tal-liġijiet tal-Unjoni li jelenkaw iż-żoni rregolati u l-perjodi kif imsemmi fl-Artikolu 2

Il-partijiet tal-Italja u l-perjodi stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429, issupplimentat bir-Regolament Delegat (UE) 2020/687, u ddefiniti f'dawn li ġejjin:

— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1872;

— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1908;

— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1982;

— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2100;

— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2186;

— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2310.